

Brussell, 11 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9128/26

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0412 (NLE)

ENV 488
CLIMA 256
SOC 250
ENER 241
ECOFIN 605
COMPET 557
RECH 215
EDUC 154
CULT 69

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Bauhaus Ewropea I-Ġdida

Id-delegazzjonijiet isibu fl-[Anness](#) ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Bauhaus Ewropea I-Ġdida, kif adottata mill-Kunsill fl-4171 laqgħa tiegħu li saret fil-11 ta' Mejju 2026.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 292 u 192 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB, New European Bauhaus) għandha l-għan li timplimenta t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u l-Patt għal Industrija Nadifa permezz ta' proġetti tanġibbli li jappoġġaw it-trasformazzjoni tal-viċinati u jtejbu l-ħajja ta' kuljum b'soluzzjonijiet li jikkombinaw is-sostenibbiltà u l-affordabbiltà ma' disinn tajjeb, arkitettura ta' kwalità għolja, inklużività, aċċessibbiltà, u t-tiżiħ tal-innovazzjoni fl-ekosistemi industrijali biex tiġi sfruttata l-kompetittività, filwaqt li jiġu rispettati u promossi l-postijiet diversi, il-wirt kulturali u d-diversità kulturali tal-Ewropa. Bit-trawwim ta' proċessi ta' kokreazzjoni mal-komunitajiet lokali, mal-partijiet ikkonċernati u man-negozji, l-inizjattiva tippromwovi soluzzjonijiet li huma mfassla għall-ħtiġijiet soċjetali u ambjentali u appoġġati minn bażi wiesgħa ta' ċittadini u li jistgħu jiġu rreplikati u applikati fuq skala akbar f'kontesti simili madwar l-UE.

- (2) Fl-2021, il-Kummissjoni Ewropea adottat Komunikazzjoni¹ li tippreżenta l-kunċett u l-oġġettivi tal-NEB, li hija ggwidata minn tliet valuri (is-sostenibbiltà, l-inklużività, u l-estetika) u tliet prinċipji (involvement f'diversi livelli, l-approċċ parteċipattiv, u t-transdixiplinarjetà) inseparabbli.
- (3) Kemm il-Parlament Ewropew² kif ukoll l-Istati Membri³ tal-UE wrew appoġġ għall-NEB filwaqt li l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴ u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni⁵ taw opinjonijiet pożittivi dwar l-inizjattiva.
- (4) F'fames snin, l-NEB bniet komunità robusta bbażata fuq is-sħubija⁶ ta' kważi 2 000 organizzazzjoni lokali u internazzjonali li jvarjaw minn organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u entitajiet kulturali għal awtoritajiet pubbliċi u negozji. Diġà ġew appoġġati aktar minn 700 proġett. Taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 ġew iddedikati EUR 1.4 biljun għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida. Il-biċċa l-kbira tal-finanzjament jirriżulta mill-politika ta' koeżjoni (aktar minn EUR 840 miljun) u minn Orizzont Ewropa (aktar minn EUR 530 miljun). Programmi oħra tal-UE (LIFE, il-Programm tas-Suq Uniku, Ewropa Diġitali u COSME) jikkontribwixxu madwar EUR 26 miljun.

¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida - Sħubija, Sostenibbiltà, Flimkien, [COM\(2021\) 573](#).

² Ara r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2022 dwar il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, [2021/2255\(INI\)](#). Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew appoġġa l-inizjattiva b'azzjoni preparatorja ("Pjattaforma għall-Ġestjoni tal-Għarfien tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida") u bi proġett pilota ("L-Istimolu ta' Proġetti Lokali u Reġjonali fil-Livell taċ-Ċittadini tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida").

³ Ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kultura, l-arkitettura ta' kwalità għolja u l-ambjent mibni bħala elementi ewlenin tal-inizjattiva Bauhaus Ewropea Ġdida, [14534/21](#).

⁴ Ara <https://www.eesc.europa.eu/mt/our-work/opinions-information-reports/opinions/new-european-bauhaus>.

⁵ Ara <https://web.cor.europa.eu/ea/News/Pages/CoR-members-adopt-McCarthy's-opinion-on-the-New-European-Bauhaus.aspx>.

⁶ Ara [Community is the core of New European Bauhaus - New European Bauhaus](#).

- (5) Fil-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea 2024-2029⁷, l-NEB hija parti mill-oġettiv ġenerali tal-Kummissjoni li "Nappoġġaw lin-nies, u nsaħħu s-soċjetajiet u l-mudell soċjali tagħna", bl-għan li jgħib is-sostenibbiltà flimkien mal-inklużjoni u l-affordabbiltà, u l-kreattività mal-innovazzjoni. It-tkabbir tal-Komunità tal-NEB ser iservi biex isir progress f'dan l-għan u jiżgura li l-partijiet ikkonċernati rilevanti jkunu jistgħu jikkontribwixxu b'mod effettiv.
- (6) Il-valuri u l-prinċipji tal-NEB jistgħu jgħinu lill-Ewropa timxi lejn futur aktar kompetittiv, ċirkolari u sostenibbli. Billi jinkorporaw il-valuri tal-NEB fl-istrateġiji nazzjonali, reġjonali, lokali u urbani eżistenti ffukati fuq l-ambjent mibni, l-Istati Membri jistgħu jibdlu t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u t-tranżizzjoni diġitali f'opportunitajiet tanġibbli għaċ-ċittadini u għan-negozji madwar l-Ewropa. Billi tingħata spinta lir-riċerka u l-innovazzjoni, l-eċċellenza industrijali, il-ħiliet, il-kultura u l-kreattività, l-NEB tista' tgħin biex jinħolqu ktajjen tal-valur reżiljenti u impjiegi ta' kwalità għolja madwar l-Ewropa, sabiex it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa ssaħħaħ il-kompetittività globali, l-iżvilupp sostenibbli u l-awtonomija strateġika tal-Ewropa filwaqt li tippreserva ekonomija miftuħa. Madankollu, tali integrazzjoni u mainstreaming bħalissa ma humiex ugwali madwar l-Unjoni, u dan iwassal biex il-partijiet ikkonċernati u l-awtoritajiet ma jkollhomx opportunitajiet ekwi, b'mod partikolari fil-livell lokali. L-Istati Membri jistgħu jibnu fuq il-prattiki tajbin eżistenti ta' governanza f'diversi livelli u transsettorjali. L-integrazzjoni tal-valuri u l-prinċipji tal-NEB fil-politiki rilevanti, inkluż permezz ta' politiki arkitettoniċi nazzjonali u għodod diġitali tal-ippjanar spazjali, u strumenti ta' finanzjament fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali tista' tappoġġa r-riġenerazzjoni trasformattiva tal-viċinati u ssaħħaħ in-nisġa soċjali tagħhom, u tippromwovi dawk il-valuri u l-prinċipji għall-ambjent mibni u s-setturi rilevanti.

⁷ Ara [Il-Prijoritajiet 2024-2029 - Il-Kummissjoni Ewropea](#).

- (7) L-Istati Membri għandhom firxa ta' għodod għad-dispożizzjoni tagħhom biex jinkorporaw il-valuri u l-prinċipji tal-NEB li jippromwovu ambjent mibni sostenibbli, affordabbli, inklużiv, aċċessibbli, estetikament siewi, ta' kwalità għolja u adattat għall-klima fil-pjanijiet ta' politika tagħhom għar-rinnovazzjoni u l-kostruzzjoni tal-bini, l-iżvilupp territorjali u t-tibdil fil-klima, u f'politiki arkitettoniċi nazzjonali u pjanijiet u strateġiji nazzjonali jew tal-UE oħra⁸ f'konformità mal-kompetenzi nazzjonali u l-istrutturi għall-iżvilupp sostenibbli. Dawk jistgħu jintużaw biex jappoġġaw l-integrazzjoni tal-oġġettivi tal-NEB, permezz ta' approċċ integrat li jevita l-ħolqien ta' strutturi paralleli, u biex jippromwovu sinerġiji bejn għanijiet differenti bħall-effiċjenza enerġetika u d-dekarbonizzazzjoni, il-ħżin tal-karbonju, ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, l-infrastruttura ekoloġika urbana, l-ekonomija ċirkolari, il-mobilità sostenibbli, ir-reżiljenza tal-ilma, l-affordabbiltà, is-sostenibbiltà u l-aċċessibbiltà, b'mod partikolari fil-kuntest tar-riġenerazzjoni tal-viċinati u t-tiżni taċ-ċentri lokali u tal-bliet, filwaqt li jitqies il-wirt kulturali.
- (8) Hemm opportunità ċara biex il-valuri u l-prinċipji tal-NEB jippromwovu użu aktar ċirkolari u effiċjenti tar-riżorsi fl-ambjent mibni. Dan jenfasizza l-ħtieġa għal strateġiji ta' ppjanar spazjali orjentati lejn is-suffiċjenza kif ukoll titjib fl-effiċjenza. Bħalissa, il-kostruzzjoni, l-użu u r-rinnovazzjoni tal-bini jeħtieġu enerġija u riżorsi minerali sinifikanti, li jirrappreżentaw 42 % tal-konsum totali tal-enerġija, 35 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, 50 % tal-estrazzjoni tal-materjali kollha, u 35 % tal-ġenerazzjoni totali tal-iskart tal-UE⁹. Dawn l-attivitajiet jikkontribwixxu wkoll għall-konsum tal-ilma u jaggravaw it-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija, it-tniġġis akustiku, it-tibdil fl-użu tal-art u d-degradazzjoni tagħha, il-proċessi ta' deżertifikazzjoni, l-issiġillar tal-ħamrija, it-telf tal-biodiversità, u l-espansjoni urbana li jeħtieġ li jiġu minimizzati.

⁸ Bħall-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli, il-Pjanijiet Nazzjonali għar-Rinnovazzjoni tal-Bini, il-Pjanijiet Territorjali għal Tranżizzjoni Ġusta, il-Pjanijiet Soċjali għall-Klima, il-Pjani Lokali għat-Tiżni u t-Tkessiħ, il-Pjanijiet għal Ekonomija Ċirkolari u inizjattivi bħall-Kuntratti Klimatiċi Urbani, il-Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli u l-Klima, l-Aġenda Urbana tal-UE u l-Aġenda tal-UE għall-Bliet.

⁹ Ara r-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) "[Addressing the environmental and climate footprint of buildings](#)", 2024.

- (9) Bil-ħsieb tal-mira tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050, l-UE adottat diversi atti legali biex tnaqqas l-impronta ambjentali u klimatika tal-bini tul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu. Dawn huma kkomplementati minn varjetà ta' inizjattivi ta' politika mhux leġiżlattivi li jvarjaw minn metodoloġiji u minn għodod ta' kalkolu għal perkorsi, pjanijiet, strateġiji u finanzjament tal-industrija, inkluż dwar l-"Appoġġ għall-approċċi tul iċ-ċiklu tal-ħajja għad-dekarbonizzazzjoni tal-bini Ewropew", li l-Kummissjoni ppubblikat f'Marzu 2026¹⁰, il-qafas komuni ta' indikaturi ewlenin tas-sostenibbiltà għall-uffiċċji u għall-bini residenzjali¹¹, u r-regoli dwar l-allinjament tan-nefqa baġitarja tal-UE ma' kriterji ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti"¹². Dawn u l-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoeconomija¹³ jgħinu biex jingħelbu l-ostakli għad-dħul fis-suq u jappoġġaw il-ħolqien ta' swieq pilota għal materjali tal-bini b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, ċirkolari, nodfa u b'bażi bijoloġika u għal teknoloġiji nodfa, u b'hekk jappoġġaw mudelli ta' negozju sostenibbli, ekosistemi industrijali sostenibbli u reżiljenti, u ħolqien tax-xogħol u ta' valur fl-UE.
- (10) Il-proġetti tal-NEB itejbu l-vantaġġ kompetittiv u innovattiv tal-industriji tal-kostruzzjoni, tal-ilma u tal-bijoeconomija sostenibbli permezz tal-ġenerazzjoni tal-għarfien, il-prototipar u l-espansjoni tat-teknoloġiji għal disinn ċirkolari dekarbonizzat u pożittiv għan-natura, inkluż l-għarfien vernakulari għall-koeżistenza man-natura u l-ottimizzazzjoni tal-metodi tal-kostruzzjoni, l-indirizzar tal-istandards u t-tnaqqis tal-kostijiet biex jinħolqu swieq għal materjali innovattivi u materjali mhux tossiċi, li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, sostenibbli u durabbli, u b'hekk jappoġġaw tkabbir effiċjenti fir-riżorsi, kosteffettiv u innovattiv filwaqt li jiżguraw użu sostenibbli ta' riżorsi naturali limitati.

¹⁰ [Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni - Supporting life-cycle approaches to decarbonise European buildings \(SWD\(2026\) 93 final\).](#)

¹¹ Ara [Level\(s\)](#).

¹² Ara [DNSH technical guidance to the SCF - European Commission](#) u r-[Regolament dwar it-Tassonomija u l-atti delegati tiegħu](#) jinkludu dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jnaqqsu l-impronta ambjentali tal-bini.

¹³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni Qafas Strateġiku għal Bijoeconomija Kompetittiva u Sostenibbli tal-UE ([COM/2025/960](#)).

- (11) Użu aktar effiċjenti u ċirkolari tal-ambjent mibni - il-bini, il-pajsaġġi urbani u rurali, l-ispazji pubbliċi, l-ispazji komuni, l-ispazji ekoloġiċi u l-infrastruttura - ser jappoġġa l-adattament tal-istokk tal-bini eżistenti għall-ħtiġijiet tan-nies mil-lat ta' spazju, konnettività u aċċessibilità, inkluż permezz ta' pjanijiet territorjali diġitali, filwaqt li jirrispetta l-limiti planetarji. Il-prijoritizzazzjoni tal-użu effiċjenti tal-ispazju mibni permezz ta' rinnovazzjoni jew ta' rikondizzjonar¹⁴ flok id-demolizzjoni u l-kostruzzjoni ġdida, kif ukoll prattiki soċjali ġodda, joffru potenzjal konsiderevoli biex titnaqqas l-impronta ambjentali u klimatika tal-istokk tal-bini¹⁵, tiġi pprovduta akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli għal kulħadd, il-protezzjoni tal-bijodiversità u r-restawr tan-natura, l-evitar tad-degradazzjoni tal-art u jekk possibbli it-tnaqqis fir-ritmu tal-espansjoni urbana u l-issiġillar tal-ħamrija, inkluż permezz tal-użu mill-ġdid ta' siti abbandunati, it-trawwim tal-mobbiltà sostenibbli, il-koeżjoni soċjali u l-aċċettazzjoni filwaqt li jiġi protett u integrat il-wirt kulturali bħala element ta' koeżjoni ekonomika u soċjali għall-għajxien u l-akkomodazzjoni. L-użu ta' bini vojti, speċjalment f'żoni rurali, jippromwovi r-riattivazzjoni, jipprevjeni t-tnaqqis fil-popolazzjoni, u jżid l-attrazzjoni ta' ċentri tal-bliet.

¹⁴ "Rikondizzjonar" tinkludi bidliet fl-ispazju, il-pjanta jew ta' funzjoni għal użu ġdid li tipikament ma jkunux koperti mir-rinnovazzjoni, f'konformità [mal-istandards stabbiliti mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni \(CEN\)](#).

¹⁵ Abbażi tal-istudji tal-Kummissjoni: [Conversion of offices into affordable housing](#), [Sufficiency in the built sector](#) u dwar użu aktar effiċjenti tal-istokk tal-bini (riżultati f'nofs l-2027).

- (12) Il-komunitajiet lokali huma dawk l-aktar milquta mill-impatti negattivi tal-perikli naturali u dawk relatati mal-klima u d-degradazzjoni ambjentali, bħaż-żieda fil-frekwenza u l-intensità tal-mewġiet ta' sħana, it-tafal li jintnefaħ u jinxf, l-għargħar, in-nirien fis-selvaġġ jew it-terremoti, li huma aggravati mill-interazzjoni ma' fatturi ewlenin oħra bħad-deżertifikazzjoni u d-degradazzjoni tal-art bħall-ġeomorfoloġija, it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tal-ekosistemi, il-kwalità ħażina tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija jew l-issiġillar tal-ħamrija. Bejn l-2011 u l-2021, kien hemm żieda ta' aktar minn 935 000 persuna fl-Ewropa li f'żoni potenzjalment suxxettibbli għall-għargħar tax-xmajjar.¹⁶ L-interfaċċa li qed tikber bejn is-selvaġġ u l-urban, iż-żona fejn l-insedjamenti umani jinsabu f'żoni ta' veġetazzjoni f'art selvaġġa suxxettibbli għan-nirien jew qribhom, wasslet għal nirien fis-selvaġġ aktar frekwenti u perikolużi.¹⁷ Fil-perjodu 2017-2019, bħala medja kien hemm 119 000 persuna fis-sena fil-pajjiżi taż-ŻEE u fir-Renju Unit jgħixu f'żoni vvalutati bħala żoni li nħarqu minn nirien fis-selvaġġ.¹⁸ Sabiex jiġu appoġġati r-reżiljenza u t-tnejjija għall-kriżijiet fil-livell lokali, l-istandards għall-adattament tal-bini¹⁹ u żoni urbani u rurali għat-tibdil fil-klima u għall-prevenzjoni tal-għargħar u tan-nirien fis-selvaġġ u l-preparatezza għalihom, għaż-żoni hodur, u għar-restawr tal-ekosistemi urbani jistgħu jiġu integrati f'għodod regolatorji u finanzjarji kif ukoll fit-taħriġ u fl-edukazzjoni relatati²⁰ fil-livell nazzjonali, lokali u reġjonali.
- (13) L-infrastrutturi hodur u blu huma kruċjali għall-adattament għat-tibdil fil-klima, għall-bijodiversità u għas-saħħa pubblika. Ir-riallokazzjoni u t-tfassil mill-ġdid tal-ispazju pubbliku urban f'konformità mal-valuri tal-NEB jistgħu jiġu appoġġati minn kunċetti ta' riġenerazzjoni urbana integrata u ta' mobilità urbana sostenibbli (eż. Pjanijiet ta' Mobilità Urbana Sostenibbli - SUMPs, Sustainable Urban Mobility Plans) li jippermettu li jsiru dawn it-trasformazzjonijiet filwaqt li tinżamm l-aċċessibbiltà għall-impjiegi, għas-servizzi u għall-amenitajiet. It-toroq, il-pjazez, il-parks u spazji pubbliċi oħra jaqdu l-interazzjoni soċjali, il-konnessjoni man-natura, il-benesseri, u l-azzjoni klimatika pjuttost milli jkunu sempliċiment kurituri ta' tranżitu. Tali riallokazzjoni tista' tinkludi perkorsi fin-natura li jgħaqqdu ż-żoni urbani u rurali, trawwem l-attività fiżika, u opportunitajiet ekonomiċi f'reġjuni li qed jiffaċċaw id-depopolazzjoni, u b'hekk issaħħaħ il-koeżjoni soċjali u l-vitalità reġjonali.

¹⁶ Ara r-rapport tal-EEA [Europe's Environment](#), 2025.

¹⁷ Ara [Forest Fires – Sparking firesmart policies in the EU](#).

¹⁸ Ara r-rapport tal-EEA [Europe's Environment](#), 2025.

¹⁹ Ara [EU-level technical guidance on adapting buildings to climate change](#).

²⁰ Ara l-[Handbook on urban greening strategies and nature plans](#) (2025).

- (14) Il-politiki tal-UE jinkludu miżuri u għodod speċifiċi għall-protezzjoni ta' gruppi żvantaġġati u emarġinati, b'mod partikolari marbuta mal-faqar enerġetiku u tal-mobilità, it-tniġġis tal-arja, l-effett "gżira ta' sħana urbana", l-aċċess għal ilma tax-xorb nadif, is-sanità u l-infrastruttura ekoloġika u blu. Il-proġetti tal-NEB jikkontribwixxu għall-ekwità ambjentali u klimatika filwaqt li jsaħħu wkoll l-inklużjoni soċjali, is-saħħa pubblika, l-ekwità interġenerazzjonali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-prevenzjoni tal-kriminalità, inkluż il-vjolenza abbażi tal-ġeneru.
- (15) Il-parteċipazzjoni hija prinċipju fundatur tal-NEB. Il-proġetti, il-finanzjament, l-għodod diġitali, u l-bini tal-kapaċitajiet tagħha huma eżempji tajbin tal-promozzjoni, tal-inċentivar u tal-appoġġ għall-parteċipazzjoni u għall-politiki u l-prattiki tad-demokrazija lokali, b'mod partikolari fuq id-disinn spazjali u urban u t-trasformazzjoni tal-viċinati.
- (16) Il-parteċipazzjoni fil-proċessi tal-iżvilupp urban tippreżenta opportunità sinifikanti kemm għall-komunitajiet kif ukoll għall-iżviluppaturi tal-proġetti. L-involviment pubbliku ġenwin u attiv fit-tfassil u l-governanza tal-proġetti, inkluż dawk li huma affettwati mill-faqar enerġetiku jew li b'xi mod ieħor huma żvantaġġati jew emarġinati, jibni l-fiduċja u l-fehim fis-sistemi demokratiċi, jippreserva r-responsabbiltà demokratika, isaħħaħ in-nisġa soċjali u jtejjeb l-effettività tal-interventi. Tali involviment, permezz ta' assemblej pubbliċi u workshops ta' kodisinn u kokreazzjoni, bil-possibbiltà ta' parteċipazzjoni politika fil-livell lokali, jankra proġetti fir-realtajiet lokali u jipprevjeni t-tokeniżmu, filwaqt li jrawwem soċjetajiet reżiljenti u inklużivi. Għall-iżviluppaturi tal-proġetti, din l-approvazzjoni mill-komunità u mill-partijiet ikkonċernati tista' twassal għal proċessi aktar rapidi għall-ħruġ tal-permessi, għal implimentazzjoni tal-proġetti b'inqas xkiel u fl-aħħar mill-aħħar għall-aċċettazzjoni mill-komunità u għal riskji aktar baxxi.

- (17) L-isfruttament ta' għodod diġitali bħas-Sett ta' Għodod tal-UE għat-Tewmin Diġitali Lokali, il-pjattaformi nazzjonali tal-ippjanar spazjali diġitali, u t-teknoloġiji emerġenti bħall-mudelli avvanzati tal-intelliġenza artifiċjali (IA) għad-disinn spazjali u r-rikostruzzjoni, inkluż mudelli lingwistiċi kbar adattati għal lingwi speċifiċi tal-UE, soluzzjonijiet avvanzati tal-inġinerija, reġistri diġitali tal-bini u awditi diġitali ta' qabel id-demolizzjoni, jaġġmel l-involviment pubbliku fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fl-iżvilupp tal-politika aktar trasparenti, effiċjenti u reattiv. It-tishiġ tal-kapaċitajiet operazzjonali tal-awtoritajiet permezz ta' riżorsi u pjattaformi eżistenti, bħal opportunitajiet ta' taġġlim bejn il-pari u appoġġ tekniku, jiżgura gwida u appoġġ effettivi fl-implimentazzjoni tal-valuri u tal-prinċipji tal-NEB, irawwem soluzzjonijiet immexxija mill-komunità u jtejjeb ir-reżiljenza tas-soċjetà.
- (18) In-nuqqas ta' ħiliet fis-settur tal-kostruzzjoni, b'mod partikolari għall-kostruzzjoni ċirkolari u sostenibbli, ir-rinnovazzjoni u r-restawr, huwa problema kbira għall-industrija tal-kostruzzjoni. Fl-2022, il-Kummissjoni nediet l-Akkademja tal-NEB dwar il-ħiliet għall-kostruzzjoni sostenibbli biex tikkontribwixxi għal sforz usa' biex jiġi aċċellerat it-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet tal-ħaddiema fl-ekosistema tal-kostruzzjoni u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni taġġha lejn enerġija nadifa. Il-Kummissjoni ser tespandi, fil-QFP attwali, l-Akkademja tal-NEB u tiżviluppaha fl-infrastruttura ewlenija għall-NEB għall-valorizzazzjoni tal-għarfien, għall-esperimentazzjoni u l-innovazzjoni sikuri, u għall-iżvilupp tal-ħiliet. L-Akkademja tal-NEB għandha l-għan li tiffaċilita l-attivitajiet ta' taħriġ tal-ħiliet, il-bini tal-kapaċità u l-innovazzjoni applikata u b'hekk tivvalorizza l-għarfien prodott taħt il-Faċilità tal-NEB. L-Akkademja tal-NEB ser tiżviluppa Aċċelleratur tal-Investimenti tal-NEB biex tattira u tiffaċilita l-allokkazzjoni ta' finanzjament privat u mħallat għal proġetti innovattivi tal-NEB.
- (19) Id-Dikjarazzjoni ta' Davos "Towards a high-quality Baukultur for Europe" tirrikonoxxi l-aspetti kulturali tal-preżervazzjoni, tal-ippjanar u tal-bini u stabbiliet il-Baukultur (kultura tal-arkitettura u d-disinn) ta' kwalità għolja bħala prijorità politika. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kultura, l-arkitettura ta' kwalità għolja u l-ambjent mibni bħala elementi ewlenin tal-inizjattiva Bauhaus Ewropea l-Ġdida adottati fid-29 u t-30 ta' Novembru 2021 stiednu lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex jippromwovu approċċ parteċipattiv immexxi mill-kultura u ggwidat mill-kwalità għall-ambjent mibni u japplikaw standards ta' kwalità għolja fil-proċessi tal-ippjanar, tad-disinn, tal-bini, tal-konservazzjoni, tar-restawr, tar-rinnovazzjoni, tar-rikondizzjonar u tal-użu mill-ġdid adattiv.

- (20) Il-proġetti tal-NEB juru li l-inklużjoni tal-artisti f'ambjenti teknoloġiċi u xjentifiċi tnissel kollaborazzjonijiet li jgħibu bidliet fundamentali li jwasslu għall-innovazzjoni u għal eżiti konkreti. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Boxxla Kulturali għall-Ewropa adottata fit-12 ta' Novembru 2025 tirrikonoxxi l-importanza tal-promozzjoni ta' kultura kondiviża ta' arkitettura u disinn u li jsir investiment f'ambjent ta' għajxien ta' kwalità għolja għal kulħadd permezz ta' inizjattivi bħall-NEB. Filwaqt li r-rwol tal-artisti u tal-professjonisti kulturali bħala dawk li jgħibu l-bidla u l-innovaturi huwa essenzjali biex il-valuri tal-NEB jissarrfu u jiġu implimentati fil-prattika, il-mobilizzazzjoni u l-aċċess tagħhom għall-finanzjament għadhom insuffiċjenti, speċjalment għall-organizzazzjonijiet iż-żgħar, biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-viżjonijiet tagħhom u l-approċċi kreattivi tagħhom. It-tneħħija tas-silos bejn is-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi kif ukoll bejn l-arti, ix-xjenza u t-teknoloġija hija sfida li għad trid tiġi indirizzata billi jinħolqu u jiġu appoġġati aktar opportunitajiet ta' kollaborazzjoni transdixxiplinari.
- (21) Mill-2025, l-NEB hija parzjalment iffinanzjata mill-istrument ta' finanzjament tagħha stess stabbilit mill-Pjan Strateġiku ta' Orizzont Ewropa 2025-2027, il-Faċilità tal-NEB, imfassla biex iżżid l-impatt u t-trasparenza, u tissimplifika l-aċċess għall-applikanti. Il-Faċilità tal-NEB ser tipprovdi appoġġ finanzjarju u qafas strateġiku biex jintlaħqu l-oġettivi tal-NEB sal-2027. Il-Pjan Direzzjonali tal-Faċilità tal-NEB jiddeskrivi l-azzjonijiet u d-direzzjonijiet strateġiċi għall-perjodu mill-2025 sal-2027²¹. Komponent tar-Riċerka u tal-Innovazzjoni huwa allokat baġit annwali ta' madwar EUR 120 miljun mill-programm attwali Orizzont Ewropa. Komponent tal-varar komplementari, li jiffoka fuq il-varar u l-assistenza teknika, jenħtieġ li jingrana livell simili ta' investiment u huwa appoġġat minn programmi oħra tal-UE, kif ukoll mill-Istati Membri u minn sorsi privati. L-Istati Membri diġà qed jinkorporaw il-valuri u l-prinċipji tal-NEB fil-programmi ta' finanzjament tagħhom b'modi diversi li jirriflettu l-kuntesti uniċi, il-wirt, u l-ispirtu komunitarju tagħhom. L-Istati Membri kollha inkludew l-NEB f'mill-inqas wieħed mill-programmi tal-politika ta' koeżjoni tagħhom għall-2021–2027.

²¹ Il-Pjan Direzzjonali jagħti dettalji dwar il-baġit, il-governanza, u l-miżuri ewlenin u jipprovdi gwida billi jiddeskrivi kif il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati tal-NEB, ser timplimenta l-Faċilità tal-NEB.

(22) Il-proġetti trasformattivi jeħtieġ li jattiraw il-finanzjament privat ukoll. Il-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat u t-tisħiħ tal-oqfsa għall-finanzjament huma neċessarji biex jiġu appoġġati d-dekarbonizzazzjoni u t-trasformazzjoni ċirkolari tal-ambjent mibni, b'mod partikolari r-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini eżistenti. Fl-2024 ġew żviluppati l-Linji Gwida għall-Investment tal-NEB biex jgħinu lill-investituri jallinjaw il-proġetti tagħhom mal-valuri u mal-prinċipji tal-NEB bl-għan li jittrasformaw l-ambjent mibni tal-Ewropa. Il-Linji Gwida ġew żviluppati f'kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Assistenza Konġunta ta' Appoġġ għal Proġetti fir-reġjuni Ewropej (JASPERS). Bl-appoġġ ta' proġett pilota tal-Parlament Ewropew²², u filwaqt li tibni fuq l-esperjenza ta' inizjattivi bħas-Servizzi ta' Aċċellerazzjoni tan-Negożju tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) - is-suq tal-EIC u l-Pjattaforma tar-Riżultati ta' Orizzont - il-Kummissjoni ser tnedi Ċentru ta' Konsulenza, pjattaforma interattiva biex tiffaċilita t-tqabbil bejn proġetti żgħar li jfittxu aċċess għall-finanzjament u l-investituri tal-ekonomija soċjali, l-organizzazzjonijiet filantropiċi, u investituri privati u pubbliċi oħra, inkluż istituzzjonijiet finanzjarji u investituri istituzzjonali, bil-ħsieb li jittejbu l-bankabbiltà tal-proġetti u t-tħejjija għall-investment. Il-kooperazzjoni ma' banek multilaterali tal-iżvilupp u ma' banek promozzjonali nazzjonali jista' jkollha rwol importanti fl-ingranaġġ tal-kapital privat u fl-appoġġ tal-iżvilupp ta' riżervi ta' investment għall-proġetti tal-NEB. It-Tassonomija tal-UE²³ wkoll tgħin lill-investituri jidentifikaw proġetti ta' kostruzzjoni u ta' rinnovazzjoni li huma ambjentalment sostenibbli.

²² "L-Istimolu ta' Proġetti Lokali u Reġjonali fil-Livell taċ-Ċittadini tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida".

²³ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, pp. 13-43, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj>).

(23) Il-Boxxla tal-NEB²⁴ hija l-qafas ta' gwida għall-applikazzjoni tal-valuri u l-prinċipji tal-NEB fil-prattika. Ġie stabbilit Ċentru tal-NEB għar-Riżultati u l-Impatt²⁵ biex jiġbor, janalizza u jislet it-tagħlimiet meħuda kif ukoll l-għodod u l-għarfien iġġenerati mill-NEB. Ġie żviluppat metodu ta' awtovalutazzjoni tal-NEB²⁶ għall-iżviluppaturi tal-proġetti u għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet biex tiġi ffaċilitata l-awtovalutazzjoni tagħhom dwar il-prestazzjoni tal-proġett mil-lat ta' valuri tal-NEB. Il-Kummissjoni ser tistabbilixxi wkoll indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) faċli biex jintużaw għall-kejl tal-impatt trasformattiv tal-proġetti tal-NEB li għandhom jiġu assoċjati fejn xieraq mal-oqfsa eżistenti u ser tiżviluppa tikketta tal-NEB biex tippromwovi l-viżibbiltà għall-proġetti tal-NEB, biex tappoġġa lill-Istati Membri fil-promozzjoni ta' proġetti u Prattiki tal-NEB u biex tiffaċilita l-integrazzjoni tas-suq billi tipprovdi qafas standardizzat u kriterji fattibbli fil-livell tal-UE biex tappoġġa l-valutazzjoni tal-proġetti tal-NEB fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Jenħtieġ li l-użu koerenti ta' dawk l-għodod mill-Istati Membri jnaqqas il-frammentazzjoni, il-piż amministrattiv u jippromwovi l-konsistenza fl-implimentazzjoni, u jtejjeb il-kompetittività fis-suq intern kif ukoll l-identifikazzjoni u t-tixrid ta' soluzzjonijiet skalabbli u replikabbli madwar l-Ewropa permezz ta' ispirazzjoni u kondiviżjoni ta' Prattiki tajbin bejn il-pajjiżi.

²⁴ Ara https://new-european-bauhaus.europa.eu/tools-and-resources/use-compass_en.

²⁵ Implimentat permezz tas-suġġett "HORIZON-MISS-2024-NEB-01-03: Setting up a New European Bauhaus hub for results and impact" u l-azzjoni ta' segwitu "NEB Hub – Phase II: advancing impact, knowledge management and monitoring of results", din tal-aħħar fil-Programm ta' Ħidma "prinċipali" ta' Orizzont Ewropa għall-2026-2027, l-Anness 13 - Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

²⁶ Ara https://new-european-bauhaus.europa.eu/tools-and-resources/neb-self-assessment-method_en.

- (24) Flimkien mal-Komunità tal-NEB, il-Kummissjoni Ewropea żviluppat strutturi ta' appoġġ li jrawmu l-involviment u l-kollaborazzjoni. Il-Ferġat Lokali tal-NEB huma gruppi awtoorganizzati u bbażati fuq il-post tal-membri tal-Komunità tal-NEB li jikkontribwixxu għat-twassil tal-NEB f'ambjenti lokali. Il-Laboratorji tal-NEB huma l-"gruppi ta' riflessjoni u ta' azzjoni" tal-inizjattiva, stabbiliti mill-membri tal-Komunità biex jikkokreaw, jipprototipaw u jittestjaw l-għodod u s-soluzzjonijiet. Qed jinħolqu Laboratorji ġodda biex jindirizzaw kwistjonijiet ta' prijorità, u ser jiġi stabbilit Laboratorju tal-NEB dwar l-akkomodazzjoni affordabbli biex jiġbor l-aħjar prattiki dwar metodi innovattivi bħall-kostruzzjonijiet mhux fuq il-post jew il-manifattura addittiva, l-effiċjenza tal-isparju mibni u soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni għal gruppi żvantaġġati, jew adattamenti innovattivi għall-aċċessibilità. Il-Kummissjoni Ewropea ser twaqqaf Alleanza Ewropea għall-Akkomodazzjoni bħala ċentru għall-kooperazzjoni, għat-tagħlim reċiproku u għall-iskambju tal-aħjar prattiki li jgħaqqad flimkien il-livelli kollha tal-gvern. Din l-Alleanza ser trawwem sinerġiji mal-prattikanti tal-NEB u mal-membri tal-Komunità tal-NEB, inkluż il-Laboratorju tal-NEB dwar l-Akkomodazzjoni. Jistgħu jinstabu sinerġiji bejn il-Laboratorji tal-NEB u l-inizjattivi nazzjonali dwar l-ippjanar spazjali diġitali u l-kwalità arkitettonika.
- (25) Il-koordinazzjoni u l-governanza f'diversi livelli tal-NEB qed jevolvu flimkien mal-inizjattiva nnifisha. Fl-2021, l-Istati Membri stabbilew Punti ta' Kuntatt Nazzjonali (NCPs) tal-NEB biex jappoġaw l-implimentazzjoni tal-NEB fil-livell nazzjonali u jikkoordinaw l-oqsma rilevanti. Bil-ħolqien tal-Faċilità tal-NEB, li hija stabbilita mill-Pjan Strateġiku ta' Orizzont Ewropa 2025-2027²⁷, ġew stabbiliti wkoll NCPs tar-R&I tal-NEB. Iż-żewġ networks huma kruċjali għat-tnejn u l-implimentazzjoni tal-Faċilità tal-NEB, u jindirizzaw flimkien kemm il-komponent tar-R&I kif ukoll dak tal-varar tagħha. Ġie stabbilit ukoll network dedikat biex jappoġġa lill-awtoritajiet ta' ġestjoni li jimplimentaw l-NEB fil-politika ta' koeżjoni²⁸. Madankollu, il-koordinazzjoni u s-sinerġiji bejn in-networks differenti jeħtieġ li jissaħħu aktar biex jiġu żgurati l-koerenza u impatt akbar.

²⁷ Ara https://research-and-innovation.ec.europa.eu/funding/funding-opportunities/funding-programmes-and-open-calls/horizon-europe/strategic-plan_en.

²⁸ Il-Komunità NEB Peer2Peer (P2P) tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki u tal-għarfien dwar l-NEB bejn l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni u korpi rilevanti oħra: <https://futurium.ec.europa.eu/en/regio-peer-2-peer-communities/new-european-bauhaus>.

- (26) L-NEB qed tispira wkoll lil pajjiżi terzi, u aktar kollaborazzjoni internazzjonali tista' trawwem skambji ta' għarfien u ta' prattiki tajbin. Il-Kummissjoni u d-Delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi terzi qed jikkooperaw biex jippromwovu l-approċċ tal-NEB barra mill-UE, b'mod partikolari permezz tal-istabbiliment ta' Ċentri tal-Akkademja tal-NEB barra mill-UE. B'mod partikolari, l-NEB ipprovdiet appoġġ għar-rikostruzzjoni sostenibbli u inklużiva tal-Ukrajna. Permezz ta' programmi tal-UE bħal LIFE, Orizzont Ewropa, u Interreg, l-NEB ippermettiet proġetti bħar-rinnovazzjoni ċirkolari tal-bini "panelka" f'Chernihiv, inizjattivi ta' użu sostenibbli tal-art fl-ambitu ta' Interreg għad-Danubju, u r-restawr urban ekoloġiku fil-Baċir tal-Baħar l-Iswed. Il-Laboratorji u l-Premijijiet tal-NEB qeġħdin irawmu l-innovazzjoni u l-kokreazzjoni, inkluża l-Iskola tal-Futur għall-Ukrajna u l-Laboratorju tal-Infrastruttura Pubblika. Il-partijiet ikkonċernati u l-awtoritajiet Ukreni wrew interess dejjem jikber fl-adozzjoni ta' approċċ tal-NEB għall-inizjattivi ta' rikostruzzjoni tagħhom, u jenħtieġ li jsir aktar sforz biex dawn jiġu appoġġati. Appoġġ addizzjonali mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri tal-UE jippermettilhom jaċċelleraw ir-rikostruzzjoni sostenibbli u inklużiva tagħhom u jissalvagwardaw kemm il-wirt kulturali tanġibbli kif ukoll dak intanġibbli, flimkien mal-komunitajiet lokali.
- (27) Il-Kummissjoni ser timmonitorja l-progress tal-NEB prinċipalment permezz tal-iskambji ta' informazzjoni mal-NCPs tal-NEB. Il-Kummissjoni beħsiebha tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-NEB fil-livell nazzjonali u ħabbret azzjonijiet ta' appoġġ u prijoritajiet futuri fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni adottata fis-16 ta' Diċembru 2025²⁹. L-NEB issarraff dawn il-prijoritajiet f'titjib tanġibbli fl-għajxien ta' kuljum, filwaqt li tappoġġa disinn aħjar tal-viċinati, ambjenti aktar f'saħħithom u spazji pubbliċi aktar inklużivi, aktar ekoloġiċi u adattati għall-klima.

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI

²⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida: Mill-viżjoni għall-implimentazzjoni (COM (2025)1026).

1. INTEGRAZZJONI TAL-VALURI U L-PRINCĪPI TAL-NEB

- (a) Huwa rakkomandat li l-Istati Membri, fil-livelli xierqa ta' kompetenza u b'rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, jinkorporaw il-valuri u l-prinċipji tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB) fil-politiki u fl-istrumenti ta' finanzjament rilevanti tagħhom marbuta mal-viċinati u mal-ambjent mibni usa', inkluż l-infrastruttura, fejn xieraq. Filwaqt li jibnu fuq it-tagħlimiet meħuda minn proġetti, minn inizjattivi u minn strutturi ta' governanza ta' suċċess, l-Istati Membri huma mħeġġa jieħdu approċċ strateġiku għall-NEB fil-livelli nazzjonali, lokali u reġjonali, filwaqt li jidentifikaw l-atturi jew il-partijiet ikkonċernati u n-networks rilevanti li għandhom ikunu involuti;
- (b) L-Istati Membri huma mħeġġa jużaw u jippromwovu l-għodod ta' appoġġ ipprovdu permezz tal-Akkademja tal-NEB kif ukoll it-Tikketta tal-NEB biex irawmu trasformazzjoni affordabbli, sostenibbli u ta' kwalità għolja tal-ambjent mibni u ta' setturi oħra, filwaqt li jirrispettaw il-kompetenzi nazzjonali u d-diversità territorjali, bl-għan li jippromwovu l-iskambji ta' metodi, tal-prattiki u tal-approċċi innovattivi madwar l-Ewropa;
- (c) It-tliet valuri kollha – is-sostenibbiltà, l-inklużività u l-estetika – jenħtieġ li jitqiesu b'mod integrat.

2. TISĦIĦ TAS-SOSTENIBBILTÀ TAL-AMBJENT MIBNI

Huwa rakkomandat li l-Istati Membri:

- (a) Jippromwovu ambjent mibni nadif, ċirkolari, newtrali għall-klima, reżiljenti għall-klima, effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u tal-ilma, pożittiv għan-natura u b'hekk jappoġġaw akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli, billi:
 - (1) Jikkunsidraw l-użu tal-akkwist pubbliku bħala għodda li tista' tintuża b'mod strateġiku għall-promozzjoni ta' arkitettura innovattiva, sostenibbli, ċirkolari, soċjalment ġusta u kulturalment sensittiva, rinnovazzjoni u kostruzzjoni kosteffettiva tal-bini kif ukoll għall-promozzjoni ta' ppjanar urban parteċipattiv ġust, kompetizzjonijiet ta' disinn tal-pajsaġġ u arkitettoniku;

- (2) Japplikaw approċċ tal-karbonju tul il-ħajja kollha għall-kostruzzjoni u għar-rinnovazzjoni tal-bini, skont il-gwida li għandha tiġi pprovduta mill-Kummissjoni, biex jiġu appoġġati miżuri³⁰ bl-għan li jnaqqsu b'mod effettiv l-emissjonijiet tal-karbonju mis-settur tal-bini tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollha permezz ta' qafas u metodoloġija armonizzati tal-Unjoni³¹ kif ukoll l-impronta ambjentali tiegħu, filwaqt li jitqiesu l-oġġettivi ambjentali tat-Tassonomija tal-UE;
- (3) Fl-istrateġiji jew il-pjanijiet nazzjonali, reġjonali u lokali rilevanti tagħhom relatati mal-bini, jipprijoritizzaw l-affordabbiltà u s-sostenibbiltà, l-ekonomija ċirkolari, ir-rinnovazzjoni flok id-demolizzjoni meta xieraq, il-kostruzzjoni modulari u riversibbli u r-rendiment tal-enerġija kif ukoll il-kwalità tal-arja interna u r-rendiment tat-tidwil u tal-ventilazzjoni naturali, il-ħżin fit-tul tal-karbonju, ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima biex inaqsu l-impatti fuq il-bijodiversità urbana u l-art, filwaqt li jindirizzaw b'mod partikolari l-unitajiet domestiċi żvantaġġati u jipprijoritizzaw, fejn rilevanti, il-kwalità arkitettonika u r-rendiment tal-ilma.
- (4) Jippromwovu l-fatt li bini ġdid, kif ukoll dak li qed issirlu rinnovazzjoni maġġuri, jiġi ddisinjat u mħejji, fejn ikun teknikament fattibbli, għall-kejl u l-ġestjoni intelliġenti tal-kwalità tal-arja ta' ġewwa, u tal-ilma u l-elettriku, speċjalment għall-oġġla konsum u l-aktar użi rilevanti, filwaqt li tiġi żgurata l-interoperabbiltà man-networks tal-enerġija, biex jiġi żgurat l-iffrankar tal-ilma u tal-enerġija³² kif ukoll l-infrastruttura għall-mobilità sostenibbli.

³⁰ Ara l-Premessa 11 għal eżempju ta' miżuri bħal dawn.

³¹ Ara r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/xxxx li jemenda l-Anness III tad-Direttiva (UE) 2024/1275 dwar il-qafas tal-Unjoni għall-kalkolu nazzjonali tal-potenzjal ta' tisħin globali tul iċ-ċiklu tal-ħajja. C(2025) 8723 - PE/2025/8966.

³² F'konformità mar-[Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-prinċipji gwida li l-effiċjenza idrika tiġi l-ewwel](#).

- (5) Jirrieżaminaw kif l-inċentivi jistgħu jippromwovu b'mod sinifikanti kwalità tal-arja interna, tidwil u ventilazzjoni naturali kif ukoll reżiljenza tal-ilma u effiċjenza u suffiċjenza fl-użu tal-ilma u tal-enerġija, inkluż l-użu mill-ġdid tal-ilma tax-xita;
- (6) Jiżguraw aktar użu ċirkolari tar-riżorsi fl-ambjent mibni kollu filwaqt li titqies l-impronta materjali tiegħu, u t-tnaqqis tal-impatt tiegħu fuq l-oġġettivi ambjentali u klimatiċi tal-Unjoni.
- (b) Jiżviluppaw soluzzjonijiet biex jiġi sfruttat il-potenzjal mhux użat ta' industrija tal-bijoeconomija kompetittiva, ċirkolari u sostenibbli, filwaqt li jappoġġaw l-aċċettazzjoni u l-adozzjoni mis-suq u l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern għall-ħolqien tax-xogħol u għat- tkabbir, b'mod partikolari għall-ambjent mibni u għat-tessuti, kif stabbilit fl-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoeconomija.
- (1) Iqisu, fejn xieraq, kif is-swieq u t-taxxi jipprovdu inċentivi xierqa għall-produzzjoni u għall-konsum sostenibbli biex jappoġġaw bidla xierqa mill-użu ta' materjali bbażati fuq il-fjuwils fossili għal materjali b'bażi bijoloġika ċirkolari u riżorsi nodfa, u b'hekk jappoġġaw l-ekonomija ċirkolari;
- (2) Jivvalutaw kif u jekk l-akkwist pubbliku jintużax biex jinħolqu opportunitajiet tas-suq biex jiġu appoġġati l-arkitettura u l-kostruzzjoni sostenibbli b'bażi bijoloġika u t-teknoloġiji u r-riżorsi nodfa, f'konformità mal-isforzi kontinwi tal-UE dwar is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni³³;

³³ Fil-kuntest tar-rieżami li għaddej tad-direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, il-proposta leġiżlattiva hija prevista għal nofs l-2026.

- (3) Jidentifikaw u jindirizzaw ostakli regolatorji u ostakli oħra għad-dħul fis-suq għal metodi u materjali innovattivi tal-kostruzzjoni bħal materjali b'bażi bijoloġika b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u sostenibbli, il-kostruzzjoni mhux fuq il-post u l-manifattura addittiva fil-kostruzzjoni, inkluż tagħmir effiċjenti fl-użu tal-enerġija, u jinfurmaw lill-Kummissjoni Ewropea dwar il-frammentazzjoni tas-suq ikkawżata minn regoli u interpretazzjonijiet nazzjonali diverġenti u regoli kunfliġġenti tal-UE permezz tal-Forum Ewropew tar-Regolaturi u l-Innovaturi tal-Bijoeconomija u l-Forum ta' Livell Għoli dwar il-Kostruzzjoni, filwaqt li jiżguraw li l-materjali jkunu adatti għall-użu maħsub tagħhom u l-kundizzjonijiet li fihom għandhom jintużaw permezz tal-konformità mal-standards rilevanti tal-UE³⁴ u l-kodiċijiet nazzjonali tal-bini.
- (c) Jipprijoritizzaw u jinċentivaw użu effiċjenti tal-ambjent mibni fid-deċiżjonijiet dwar l-ippjanar spazjali u l-iżvilupp, bil-ħsieb li jiġu promossi akkomodazzjoni soċjali u affordabbli u infrastruttura urbana ekoloġika, filwaqt li jiġu evitati, jekk possibbli, l-espansjoni urbana u l-konċentrazzjoni spazjali tal-faqar, jipprevjenu r-riskji klimatiċi, u jippromwovu viċinati inklużivi, u r-rivitalizzazzjoni tagħhom, filwaqt li jitqiesu l-bini storiku u l-wirt kulturali, l-użu mill-ġdid ta' siti abbandunati u soluzzjonijiet għal mobilità pubblika u privata sostenibbli, inkluż f'żoni rurali, b'mod partikolari billi:
- (1) Jimmappjaw il-bini vojt u mhux sfruttat biżżejjed u l-adegwatezza tiegħu għal miżuri ta' suffiċjenza u jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti u għall-atturi tas-settur tal-bini u l-pubbliku; jinċentivaw it-trasformazzjoni tal-bini vojt f'akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u ta' kwalità, billi jirrinovaw, jestendu, jirrikondizzjonaw, ibiddu l-użu, jew jadattaw l-ispazji mibnija għall-ħtiġijiet li jevolvu tal-unitajiet domestiċi; jesploraw il-potenzjal tal-akkomodazzjoni mhux sfruttat biżżejjed għall-iżvilupp urban sostenibbli fil-viċinati rurali permezz ta' miżuri biex jiġu żviluppati l-affordabbiltà, l-aċċessibbiltà u l-konnettività tagħhom;

³⁴ Il-Eurocodes kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati u d-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni skont ir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini.

- (2) Jirrazzjonalizzaw u jaċċelleraw il-proċeduri tal-għoti ta' permessi għat-tqassim f'żoni u għall-bini, fejn rilevanti u fattibbli, b'mod partikolari għar-rinnovazzjoni, l-estensjoni vertikali u r-rikondizzjonar sostenibbli tal-bini li jistgħu jżidu l-provvista tal-akkomodazzjoni, inkluż billi jikkondividu prattiki tajbin bejn l-Istati Membri;
 - (3) Jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' prattiki tajbin u ta' pjanijiet dettaljati tal-NEB, bħal dawk dwar l-akkomodazzjoni reżiljenti li l-Kummissjoni ser tiżviluppa permezz ta' Katalogu diġitali kif ukoll dwar l-iżvilupp urban sostenibbli;
- (d) Javvanzaw il-valuri u l-prinċipji tal-NEB, jippromwovu l-ippjanar spazjali integrat, biex isaħħu l-preparatezza għall-kriżijiet ta' viċinati u komunitajiet u r-reżiljenza tagħhom għar-riskji tas-saħħa u d-diżastri naturali kkawżati mit-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali kif ukoll għat-theddid ġeopolitiku (inkluż it-theddid ibridu), b'mod partikolari billi:
- (1) Jippromwovu l-prevenzjoni, il-preparatezza għad-diżastri u l-kriżijiet u r-restawr skont il-każ, pereżempju l-ġestjoni integrata tan-nirien fis-selvaġġ, b'mod partikolari fl-Interfaċċa bejn is-Selvaġġ u l-Urban, il-kontroll tal-erożjoni, il-ġestjoni tar-riskju ta' għargħar u terremoti, l-adattament għal temperaturi estremi, l-irkupru sostenibbli taż-żoni affettwati fid-disinn spazjali u soluzzjonijiet ibbażati fuq il-kultura u l-wirt kulturali;
 - (2) Jintegraw soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u r-restawr tan-natura, soluzzjonijiet ibbażati fuq il-kultura u l-wirt, ir-reżiljenza fil-qasam tal-ilma, l-art u l-konservazzjoni tal-bijodiversità;
 - (3) Jippromwovu disinji u infrastruttura reżiljenti għall-ilma, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, il-ġestjoni tal-ilma tax-xita, u miżuri ta' adattament kontra n-nixfiet u l-għargħar, biex jiġu salvagwardati s-saħħa pubblika, l-ekosistemi, u l-abitabbiltà fit-tul, b'mod partikolari f'żoni rurali u kostali vulnerabbli;
 - (4) Isaħħu r-reżiljenza territorjali għat-theddid ġeopolitiku, inkluż l-iżgurar tal-affidabbiltà tal-infrastruttura kritika u l-kontinwità tal-funzjonijiet lokali essenzjali, filwaqt li jippromwovu ppjanar spazjali integrat.

- (5) Jippromwovu s-sensibilizzazzjoni u l-komunikazzjoni dwar ir-riskji u approċċ ta' governanza proattiva biex tittejjeb ir-reżiljenza soċjetali;
- (6) Jippromwovu l-valutazzjoni tad-distribuzzjoni tal-ispazju aħdar urban u l-kopertura ta' qċaċet tas-siġar fil-bliet differenti u f'insedjamenti urbani oħra, filwaqt li jqisu kif l-iżvilupp ippjanat fil-futur ser jintegra b'mod attiv l-ispazju aħdar urban u l-miżuri pożittivi għan-natura fil-bini u fl-infrastruttura f'lokalitajiet u f'reġjuni differenti, u b'hekk jikkontribwixxi għall-adattament għat-tibdil fil-klima u għall-mitigazzjoni tiegħu, għall-bijodiversità u għal ambjenti aktar b'saħħithom.
- (7) Jikkonsultaw mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż l-assiguraturi, bil-ħsieb li jiġu rieżaminati l-prattiki bbażati fuq il-prinċipju "bini mill-ġdid l-istess" biex jiġu riflessi l-kundizzjonijiet klimatiċi u ambjentali li qed jinbidlu, filwaqt li jiġu ppreservati l-identitajiet u l-wirt;
- (8) Jesploraw miżuri f'għodod ta' finanzjament biex jgħinu jtaffu l-impatti negattivi fuq is-saħħa kkawżati mit-tibdil fil-klima u mid-degradazzjoni ambjentali, inkluż l-esponiment għas-sħana, l-arja, il-ħamrija, l-istorbju u t-tniġġis tad-dawl kif ukoll in-nuqqas ta' aċċess għal żoni ħodor, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lill-esponiment sproporzjonat ta' popolazzjonijiet sensittivi u gruppi żvantaġġati.
- (9) Jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' perkorsi fin-natura interkonnessi bejn il-lokalitajiet fiż-żoni rurali biex tiġi promossa l-attività fiżika, joħolqu opportunitajiet rikreattivi, u jindirizzaw id-depopolazzjoni billi jiġġeneraw flussi ta' dħul mit-turiżmu u l-avvenimenti lokali, u b'hekk jappoġġaw l-iżvilupp territorjali inklużiv u sostenibbli.

- (e) Jinċentivaw l-użu ta' soluzzjonijiet diġitali għaċ-ċirkolarità u għall-effiċjenza enerġetika għal tranżizzjoni kompetittiva lejn enerġija nadifa, b'mod partikolari billi:
- (1) Jippromwov l-implimentazzjoni ta' għodod bħall-Passaport Diġitali tal-Prodott, iċ-Ċertifikati tar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija, il-permessi diġitali tal-bini, ir-reġistri diġitali tal-bini, l-awditi diġitali ta' qabel id-demolizzjoni u soluzzjonijiet diġitali oħra għat-traċċar taċ-ċiklu tal-ħajja tal-karbonju u l-materjali, u t-trawwim ta' infrastrutturi diġitali kondiviżi u għodod li jappoġġaw it-teħid ta' deċiżjonijiet xprunat mid-data fl-ippjanar urban intelliġenti, l-enerġija, il-mobilità u l-ġestjoni tal-ilma, f'sinerġija mal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali;
 - (2) Jippromwov l-prinċipji diġitali mid-disinn li jinkludu l-aċċessibbiltà, l-interoperabbiltà u ICT effiċjenti fl-enerġija, fil-materjali u fl-ilma fl-ippjanar urban, u jappoġġaw ukoll is-simplifikazzjoni permezz ta' sett ta' għodod diġitali bi ħruġ tal-permessi bbażat fuq il-mudelli, il-konformità bir-regoli bħal kodiċi, u r-rappurtar ta' darba bis, filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi nazzjonali dwar l-ippjanar spazjali u urban, filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi nazzjonali għall-ippjanar spazjali u urban.

3. TISĦIĦ TAL-PARTEĊIPAZZJONI, TAD-DEMOKRAZIJA LOKALI U TAL-GĦODOD TA' KODISINN DIĠITALI FL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI URBAN U TAL-VIĊINATI

Huwa rakkomandat li l-Istati Membri:

- (a) Jibbażaw fuq iċ-Ċentru tal-NEB għar-riżultati u għall-impatt³⁵ għall-integrazzjoni b'mod progressiv tar-riżultati tal-proġetti tal-NEB mal-perspettivi tal-utenti fid-disinn spazjali u/jew fit-trasformazzjoni ta' spazji pubbliċi u komuni, inkluż il-mobilità sostenibbli, u biex jiġu appoġġati u promossi l-komunitajiet konxji mill-enerġija u mill-ilma, inizjattivi ta' rinnovazzjoni mmexxija miċ-ċittadini u ta' kondiviżjoni tal-enerġija nadifa, filwaqt li jagħtu s-setgħa lill-atturi lokali u jrawmu soluzzjonijiet inklużivi u mmexxija mill-komunità, flimkien ma' kundizzjonijiet deċenti biex jiġu evitati aspetti negattivi tal-ġentifikazzjoni;

³⁵ Implimentat permezz tas-suġġett "HORIZON-MISS-2024-NEB-01-03: Setting up a New European Bauhaus hub for results and impact" u l-azzjoni ta' segwitu "NEB Hub – Phase II: advancing impact, knowledge management and monitoring of results", din tal-aħħar fil-Programm ta' Ħidma "prinċipali" ta' Orizzont Ewropa għall-2026-2027, l-Anness 13 - Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

- (b) Jippromwovu l-proġetti tal-NEB u prattiki ta' politika għat-tiżni tad-demokrazija lokali, tal-inklużjoni u tal-parteciġazzjoni fl-ippjanar urban u fl-iżvilupp tal-
viċinati, billi jappoġġaw approċċi innovattivi u kokreattivi għall-involvement tal-
komunità fil-livell tal-viċinati, u b'hekk jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni
tat-Tarka għad-Demokrazija fil-prattika;
- (c) Iħeġġu n-networking, inkluż permezz tal-Ferġat Lokali tal-NEB mal-awtoritajiet
lokali u mal-atturi rilevanti biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-viċinati, tiżdied is-
sensibilizzazzjoni tal-komunitajiet u jiġu kodisinjati soluzzjonijiet immexxija
mill-komunità, inkluż bl-użu ta' għodod diġitali u metodoloġiji xjentifiċi bħall-
analiżi bbażata fuq ix-xenarji;
- (d) Jikkonsultaw ma' persuni b'diżabilità u persuni akbar fl-età u jinvolvuhom sabiex
jappoġġaw l-għajxien indipendenti u l-inklużjoni fil-komunità u soluzzjonijiet li
jkunu aċċessibbli mid-disinn;
- (e) Jinvolu b'mod attiv liż-żgħażaġh fit-tfassil ta' spazji pubbliċi u komuni adattati
għaż-żgħażaġh;
- (f) Jippromwovu l-involvement sinifikattiv tan-nisa u l-integrazzjoni ta' approċċ
sensittiv għall-ġeneru fid-disinn u fl-iżvilupp ta' spazji pubbliċi u tal-viċinati, bl-
għan li jrawmu ambjenti inklużivi u sikuri;
- (g) Jippromwovu approċċ favur il-familja għat-tfassil u l-iżvilupp tal-ispazji biex jiġu
żgurati s-sikurezza, il-benesseri u l-kumdità tal-familji, u b'hekk jissaħħaħ l-
impenn tal-familji li jagħżlu soluzzjonijiet b'kuxjenza ambjentali;
- (h) Isaħħu l-kapaċitajiet operazzjonali tal-awtoritajiet rilevanti biex jipprovdu gwida u
appoġġ effettivi għall-apprendiment dwar il-valuri u l-prinċipji tal-NEB, dwar kif
jintużaw l-għodod tal-NEB u gwida dwar l-istrumenti ta' finanzjament tal-NEB.
Għal dan l-għan, jagħmlu użu mill-opportunitajiet eżistenti offruti mill-
Kummissjoni Ewropea, bħal:

- (1) is-Sett ta' Għodod tal-UE għat-Tewmin Diġitali Lokali u soluzzjonijiet Lokali Diġitali għar-Rikostruzzjoni;
- (2) l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI)³⁶;
- (3) l-Iskambju ta' Kooperazzjoni fl-Amministrazzjoni Pubblika (PACE)³⁷;
- (4) opportunitajiet ta' apprendiment bejn il-pari offruti:
 - Mill-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari taħt il-Komunità tal-NEB P2P tar-REGIO, biex jiġu skambjati prattiki tajbin u għarfien tal-NEB fost l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni u korpi rilevanti oħra u jitħeġġu investimenti ulterjuri fl-NEB skont il-programmi tal-politika ta' koeżjoni tal-2021-2027;
 - Mill-fergħa tal-bini tal-kapaċitajiet tal-Inizjattiva Urbana Ewropea, li tappoġġa lill-bliet u lill-awtoritajiet ta' ġestjoni fl-integrazzjoni tal-valuri u tal-prinċipji tal-NEB fi ħdan strateġiji ta' żvilupp urban sostenibbli;
 - Mill-azzjoni "Kontribut għall-implimentazzjoni tal-Faċilità tal-NEB bl-appoġġ ta' Orizzont Ewropa għar-R&I tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida u l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida"³⁸;
 - Iċ-Ċentru ta' Kompetenza tal-UE dwar id-Demokrazija Parteċipattiva u Deliberattiva³⁹ u n-network relatat tiegħu ta' ċentri ta' referenza nazzjonali, kif ukoll pjattaformi u fora kondiviżi għall-iskambju ta' prattiki tajbin sabiex wieħed jitgħallem u jipprevjeni l-falliment.

³⁶ Ara [Technical Support Instrument \(TSI\)](#).

³⁷ Ara [TSI 2026 - PACE - Public Administration Cooperation Exchange - Reform Support](#).

³⁸ Il-Programm ta' Ħidma "prinċipali" ta' Orizzont Ewropa 2026-2027, Anness 13 – Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.

³⁹ [Iċ-Ċentru ta' Kompetenza tal-UE dwar id-Demokrazija Parteċipattiva u Deliberattiva](#).

4. **SFRUTTAMENT TAL-QAWWA TRASFORMATTIVA TAL-EDUKAZZJONI, TAT-TAĦRIĠ, TAL-ARTI U TAL-KULTURA GĦAT-TRANŻIZZJONI NADIFA**

Huwa rakkomandat li l-Istati Membri:

- (a) Jagħrfu u jappoġġaw il-parteċipazzjoni kulturali u l-kontribut tal-artisti, tal-professjonisti kulturali u kreattivi u tal-esperimenti mmexxija mill-kultura bħala mutur għall-innovazzjoni, għall-iżvilupp lokali u għall-ħsieb kreattiv biex jixprunaw it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa (f'konformità mal-prinċipji msemmija fil-Pjanijiet ta' Ħidma tal-UE tal-Kunsill għall-Kultura u l-Boxxla Kulturali għall-Ewropa), u jippromwovu l-opportunitajiet tal-NEB fost is-setturi kulturali u kreattivi;
- (b) Iqisu l-inizjattiva li jmiss tal-Kummissjoni biex jissaħħu l-Kapitali Ewropej tal-Kultura filwaqt li jagħrfu s-sinerġiji mal-valuri u l-prinċipji tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, meta rilevanti;
- (c) Jintegraw il-valuri mid-Dikjarazzjoni ta' Davos tal-2018 "Towards a high-quality Baukultur for Europe" (Lejn Baukultur ta' kwalità għolja għall-Ewropa)⁴⁰ biex jinkorporaw l-aspetti kulturali tal-preservazzjoni, l-ippjanar u l-bini fl-istrateġiji nazzjonali rilevanti. Jagħtu segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2021 dwar il-kultura, l-arkitettura ta' kwalità għolja u l-ambjent mibni bħala elementi ewlenin tal-inizjattiva Bauhaus Ewropea Ġdida billi jintegraw il-valuri u l-prinċipji tal-NEB fil-politiki nazzjonali li jirregolaw l-arkitettura u l-ambjent mibni;
- (d) Irawmu u, meta neċessarju, jirkupraw l-għarfien u l-ħiliet tradizzjonali fl-artiġjanat, speċjalment fl-valorizzazzjoni u l-protezzjoni tal-wirt kulturali, u jispiraw innovazzjonijiet li jistgħu jgħaqqdu t-teknoloġiji tal-passat u tal-preżent u jinvolvu lis-setturi kulturali u kreattivi;
- (e) Jippromwovu r-Rotta tal-NEB fi ħdan DiscoverEU;
- (f) Meta rilevanti, jinformatu dwar programmi ta' taħriġ u attivitajiet edukattivi oħra biex titqajjem kuxjenza dwar il-valuri u l-prinċipji tal-NEB fost l-istudenti;

⁴⁰ Ara <https://davosdeclaration2018.ch/en/>.

5. ITEJBU L-GĦARFIEN, IL-KAPAĊITAJIET TAL-INNOVAZZJONI U L-HILJET PERMEZZ TAL-GĦODOD U L-INIZJATTIVI TAL-AKKADEMJA TAL-NEB

L-Istati Membri huma mħeġġa:

- (a) Meta rilevanti, jiffaċilitaw l-adozzjoni ta' għarfien, għodod ta' innovazzjoni u programmi ta' edukazzjoni u taħriġ żviluppati permezz tal-Akkademja tal-NEB, jew strumenti oħra ffinanzjati mill-UE bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, biex jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn ekosistema ta' kostruzzjoni sostenibbli u soluzzjonijiet nodfa kif ukoll, meta xieraq, jespandu l-preżenza taċ-Ċentri tal-Akkademja tal-NEB fl-Istati Membri kollha wara li jivvalutaw meta dan ikun rilevanti jew le għall-partijiet ikkonċernati tagħhom;
- (b) Meta rilevanti, irawmu r-riċerka u l-kollaborazzjoni akkademika tal-NEB u l-kollaborazzjoni fost l-istudenti f'diversi oqsma rilevanti għall-ambjenti mibnija u naturali, filwaqt li jibnu fuq approċċ interdixxiplinari, irawmu x-Xjenzi Soċjali u l-Istudji Umanistiċi kif ukoll l-għarfien mhux formali.
- (c) Meta possibbli, jappoġġaw lill-Kummissjoni fl-immappjar ta' proġetti tal-NEB implimentati permezz ta' strumenti ta' finanzjament differenti tal-UE, nazzjonali, lokali jew reġjonali - inkluż dawk taħt ġestjoni kondiviża - u fil-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin u, meta possibbli, jappoġġaw lill-Kummissjoni fl-iżvilupp ta' KPIs għall-kejl tal-impatt trasformattiv tal-proġetti tal-NEB u tal-benefiċċji tagħhom għat-tkabbir sostenibbli u għall-prospertà u jintegrawhom, fejn rilevanti, fil-politiki u fl-attivitajiet tagħhom;
- (d) Iqisu li jintegraw il-valuri u l-prinċipji tal-NEB fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali u reġjonali li jindirizzaw id-diskrepanzi fil-ħiliet, kif ukoll fis-Sħubijiet fuq Skala Kbira u Reġjonali għall-Ħiliet skont il-Patt għall-Ħiliet, b'mod partikolari s-Sħubija fuq Skala Kbira għall-Kostruzzjoni;
- (e) Meta rilevanti, jappoġġaw u jippromwovu l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) rilevanti għall-NEB kif ukoll programmi ta' tiġdid u ta' titjib tal-ħiliet, b'mod partikolari dawk diġà żviluppati permezz tal-EIT u Erasmus+;
- (f) Jippromwovu ppjanar spazjali integrat u preparatezza għall-kriżijiet permezz tat-tiħiħ tal-kapaċitajiet mal-awtoritajiet kompetenti kollha u, meta rilevanti, iqisu moduli ta' taħriġ għall-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali.

6. SENSIBILIZZAZZJONI U INVOLVIMENT FIR-RIGWARD TAL-NEB U L-KOMUNITÀ TAGĦHA

L-Istati Membri huma mħeġġa:

- (a) Iqisu t-Tikketta tal-NEB li għandha tiġi żviluppata u ppilotata mill-Kummissjoni Ewropea meta jiġu appoġġati l-proġetti;
- (b) Jappoġġaw lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha biex tkabbar u tiddiversifika l-Komunità tal-NEB u jinvolvu ruħhom mal-membri tal-Komunità tal-NEB ta' pajjiżhom biex jifhmu u jappoġġaw il-ħtiġijiet u l-proposti tagħhom, u meta xieraq, joħolqu sinerġiji inkluż ma' attivitajiet nazzjonali u reġjonali rilevanti, anke billi joħolqu sensibilizzazzjoni dwar l-inizjattiva tal-NEB u l-opportunitajiet tagħha għad-dinja akkademika, għall-professjonisti, inkluż assoċjazzjonijiet professjonali, għall-industrija, għas-soċjetà ċivili u għall-awtoritajiet pubbliċi;
- (c) Jiżviluppaw, fejn possibbli, premjijiet nazzjonali tal-NEB jew kategoriji tal-NEB fi premjijiet nazzjonali rilevanti f'sinerġija mal-Premjijiet tal-NEB tal-UE;
- (d) Isaħħu s-sensibilizzazzjoni u jħeġġu l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fl-Istati Membri fil-Festival biennali tal-NEB u jipromwovu l-organizzazzjoni ta' avvenimenti satellita nazzjonali, reġjonali jew lokali fl-Istati Membri kollha.

7. TITJIB TAL-AĊĊESS GĦALL-FINANZJAMENT U GĦALL-INVESTIMENTI

L-Istati Membri huma mħeġġa:

- (a) Iqisu l-Faċilità tal-NEB kemm għall-komponent tar-R&I kif ukoll għall-komponenti tal-varar tagħha, billi joħolqu sensibilizzazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati u l-benefiċjarji potenzjali rilevanti kollha, billi jgħinuhom jipparteċipaw u jipprovdu feedback lill-Kummissjoni dwar kif tista' tittejjeb. Jipprevedu u jkomplu jiddiskutu mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż il-Kummissjoni, finanzjament sostenibbli possibbli għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.
- (b) Jissodisfaw l-impenji għall-implimentazzjoni tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida fil-programmi tal-politika ta' koeżjoni. Dan jista' jinkiseb billi jniedu sejħiet konkreti għall-implimentazzjoni tal-NEB f'oqsma ta' politika rilevanti skont ir-rieżami reċenti ta' nofs it-terminu, inkluż billi jimmassimizzaw l-investment privat permezz tal-istrument finanzjarju tal-mudell tal-iżvilupp territorjali tal-NEB (NEB TDM, Territorial Development Model); jisfruttaw il-programmi tal-politika ta' koeżjoni b'mod partikolari biex jiżviluppaw Fanal tal-NEB wieħed f'kull Stat Membru;

- (c) Jippromwovu l-mobilizzazzjoni tal-investment privat fi proġetti tal-NEB, inkluż permezz tal-użu ta' strumenti finanzjarji bħal garanziji, finanzjament imħallat, self konċessjonali u mekkaniżmi ta' kondiviżjoni tar-riskju, fejn xieraq.
- (d) Jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni ma' banek multilaterali tal-iżvilupp, banek promozzjonali nazzjonali u istituzzjonijiet finanzjarji sabiex itejbu t-tnejjija tal-proġetti, jingranaw il-kapital privat u jappoġġaw l-użu ta' soluzzjonijiet ta' finanzjament ta' tranżizzjoni.

8. ŻGURAR TA' GOVERNANZA EFFETTIVA TAL-NEB F'DIVERSI LIVELLI U TA' RWOL ĊENTRALI TAL-PUNTI TA' KUNTATT NAZZJONALI TAL-NEB

Huwa rakkomandat li l-Istati Membri:

- (a) Abbażi tal-Linji Gwida għall-NCPs żviluppata fl-2025, jippromwovu r-rwol ta' koordinazzjoni ta' appoġġ tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali (NCPs) tal-NEB fil-governanza tal-NEB fil-livell nazzjonali, kif ukoll ikomplu l-kooperazzjoni tagħha mal-Ministeri rilevanti kollha u l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni eżistenti u jappoġġaw il-kapaċità tagħhom, f'sinerġija mal-Alleanza tal-UE għall-Akkomodazzjoni li ġejja, biex jiġu żgurati l-koerenza u l-integrazzjoni tal-approċċ tal-NEB. Jiċċaraw flimkien mal-Kummissjoni d-definizzjoni tal-kompiti ewlenin għall-NCPs tal-NEB u jiddefinixxu rwoli addizzjonali speċifiċi għall-pajjiż, jekk ikun meħtieġ. Iqisu t-tkomplija tal-prattika li jkun hemm laqgħa bejn il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tal-NEB flimkien mal-laqgħat rilevanti;
- (b) Jippromwovu governanza transsettorjali u f'diversi livelli għall-NEB fil-livell nazzjonali abbażi ta' prattiki tajbin eżistenti, permezz tal-koordinazzjoni u l-integrazzjoni tal-valuri u tal-prinċipji tal-NEB fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni ta' inizjattivi ta' finanzjament u ta' politika rilevanti għall-NEB. Jiffaċilitaw il-koordinazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn l-NCPs tal-NEB u networks rilevanti oħra, b'mod partikolari l-NCPs tar-R&I tal-NEB ta' Orizzont Ewropa (2021-2027), l-NCPs tal-Programm LIFE, is-sħubijiet rilevanti ta' Orizzont Ewropa u l-awtoritajiet ta' ġestjoni għall-politika ta' koeżjoni;

- (c) Jippromwovu l-approċċ u l-għodod tal-NEB fl-iskambji internazzjonali rilevanti tagħhom bħal fi ħdan il-programmi, l-aġenziji u l-inizjattivi rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti kif ukoll ma' pajjiżi terzi u jiżguraw li l-NEB tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-għanijiet u l-impenji internazzjonali rilevanti⁴¹. Jappoġġaw b'mod partikolari r-rikostruzzjoni sostenibbli u inklużiva tal-Ukrajna permezz ta' proġetti pilota u dimostraturi, bħal pereżempju għall-iskejjel, għall-ispazji pubbliċi, għall-protezzjoni tal-wirt naturali u kulturali u għar-rikostruzzjoni ċirkolari, il-ħolqien u l-iskambju tal-għarfien, kif ukoll billi jiġi kkonsolidat iċ-Ċentru tal-Akkademja tal-NEB futur fl-Ukrajna bħala ċentru ta' kompetenza u ta' appoġġ għall-partijiet ikkonċernati u għall-awtoritajiet lokali għall-bini tal-kapaċitajiet u għall-kondiviżjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi replikabbli.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

⁴¹ B'mod partikolari l-SDG11 u r-Riżoluzzjoni 2/6 tal-UN-Habitat dwar "Localizing the SDGs" (Il-Lokalizzazzjoni tal-SDGs) u r-Riżoluzzjoni 7/2 tal-UNEP "Promoting sustainable solutions through sports for a resilient planet" (Il-promozzjoni ta' soluzzjonijiet sostenibbli permezz tal-isport għal pjaneta reżiljenti) fl-ippjanar urban sostenibbli u inklużiv.